



**2016/2100(INI)**

15.9.2016

## **ABBOZZ TA' OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar ir-Rapport Annwali dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni tal-UE  
(2016/2100(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Andreas Schwab

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li politika tal-kompetizzjoni hija parti importanti tas-suq intern, kif previst fit-Trattat; itenni li hemm bżonn ta' suq uniku kompetittiv u li jiffunzjona sew biex tingħata spinta lit-tkabbir sostenibbli, lill-impjiegi u l-innovazzjoni fl-UE u li huwa fl-interess tal-konsumaturi, tan-negozji ġodda u tal-SMEs li jsiru sforzi biex titħares il-kompetizzjoni ġusta fl-UE kollha; jemmen li l-infurzar tal-leġiżlazzjoni Ewropea m'għandux jiddgħajjef minħabba l-użu tal-EU Pilot minflok ta' proċeduri formali ta' ksur u jemmen li hu meħtieġ li tiġi mħarsa l-kompetizzjoni;
2. Jemmen li trid tiġi rispettata bis-siġh l-indipendenza tal-Kummissjoni fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar il-kompetizzjoni fis-suq uniku kif ukoll is-separazzjoni tas-setgħat bejn l-istituzzjonijiet tal-UE; jissottolinja li d-deċiżjonijiet jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-fatti tal-każ u jiġu ddeterminati mill-oġettivi tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE;
3. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex ma tikkonċentrax l-isforzi kollha tagħha sabiex tiżgura kompetizzjoni ġusta fuq każijiet ta' profil għoli kontra kumpaniji kbar magħrufa u prominenti; ifakkar lill-Kummissjoni li l-infurzar tal-kompetizzjoni ġusta hi wkoll importanti għall-SMEs;
4. Jenfasizza li l-liġi tal-UE dwar il-kompetizzjoni kif ukoll l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-UE jeħtieġ jiżguraw kundizzjonijiet ekwi għan-negozji u għażla għall-konsumaturi fis-suq uniku diġitali; jilqa' l-investigazzjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward ta' ċerti Prattiki antikompetittivi minn għadd ta' kumpaniji; jistieden lill-Kummissjoni tniedi dibattitu dwar kemm ir-raġunament tradizzjonali wara l-liġi tal-kompetizzjoni hu adatt għall-kundizzjonijiet speċifiċi u għall-isfidi l-ġodda tal-ekonomija diġitali, u jitlobha ssegwi politika attiva, effettiva u mħaffa ta' infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni, bil-ħsieb li tiġġieled l-abbuż tal-pożizzjonijiet dominanti u b'hekk tħeġġeġ l-innovazzjoni u mudelli tan-negozju innovattivi, kif ukoll tippermetti lill-konsumaturi tal-UE jaħtfu l-opportunitajiet kollha li suq uniku diġitali ġenwin jista' joffri; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tagħlaq dawk il-proċedimenti ewlenin u fit-tul mill-aktar fis possibbli;
5. Jitlob it-tishiġ tal-libertà tal-għażla għall-konsumaturi; iqis li d-dritt għall-portabbiltà tad-data li tinsab fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data jirrappreżenta approċċ tajjeb biex jissaħħu kemm id-drittijiet tal-konsumatur kif ukoll il-kompetizzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi eżaminat kif tista' tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn in-netwerks diġitali permezz ta' interfaces u standards miftuħa;
6. Jappella għal monitoraġġ attiv tal-kwistjonijiet kollha potenzjali tal-kompetizzjoni relatati mal-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat u ma' restrizzjonijiet oħrajn dwar il-bejgħ online; jiddispijaċih li ħafna mill-kummerċ elettroniku jseħħ fil-livell nazzjonali u li ma jeżistix suq intern reali mingħajr fruntieri nazzjonali f'dan is-settur; jilqa' b'sodisfazzjon l-inkjesta settorjali tal-kummerċ elettroniku li għaddejja, li jeħtieġ titwettaq b'mod siġh u titwassal fi tmiemha mingħajr telf ta' żmien u jemmen li din tista' tkun kontribut utli għal azzjonijiet oħra bħala parti mill-istrateġija tas-suq uniku diġitali kif ukoll għall-kummerċ

transfruntier; iħeġġeġ lill-Kummissjoni toħloq ambjent kummerċjali li jiżgura l-iżvilupp ta' ideat innovattivi;

7. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina u tikkoreġi s-sitwazzjoni ta' bejjiegħa bl-immnut indipendenti, li d-dritt tal-kompetizzjoni jippermettilhom jaħdmu flimkien permezz tal-istabbilimenti tradizzjonali tagħhom, iżda li huma akkużati b'kompetizzjoni inġusta jekk jipprovdu offerti konġunti ta' kummerċ elettroniku;
8. Jinnota li pjattaformi online jippermettu miljuni ta' impriżi, inklużi għadd kbir ta' SMEs Ewropej, li jisfruttaw il-vantaġġi tal-kummerċ elettroniku; iqis li, sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet ġusti tal-kompetizzjoni jeħtieġ li jkun hemm garanzija ta' regoli komparabbli għal servizzi diġitali komparabbli; huwa tal-fehma li mudelli kummerċjali ġodda rappreżentati minn pjattaformi u minn intermedjarji tal-ekonomija kondiviża jqajmu mistoqsijiet urġenti fost l-oħrajn dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE u d-dritt nazzjonali, ir-relazzjonijiet B2B, filwaqt li jiżguraw il-ħlas tat-taxxi rilevanti u r-rikonoxximent tad-drittijiet tax-xogħol; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jindirizzaw dan it-tħassib;
9. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tinvestiga Prattiki antikompetittivi min-naħa tal-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-konfront ta' intermedjarji tal-ekonomija kollaborattiva; jissottolinja li għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-piżijiet regolatorji eċċessivi, l-applikazzjoni sproporzjonata tar-regoli eżistenti għal mudelli kummerċjali mhux komparabbli, u l-legalità ta' projbizzjonijiet diretti;
10. Itenni l-ħtieġa ta' implimentazzjoni xierqa u f'waqtha tad-Direttiva 2014/104/UE dwar azzjonijiet għad-danni għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni fl-Istati Membri; jiddispijaċih ħafna li l-implimentazzjoni fil-liġi nazzjonali qed tipproċedi bil-mod, u li ħafna Stati Membri għadhom lanqas biss adottaw proposta biex tiġi implimentata l-leġislazzjoni; iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni, biex bl-aktar mod qawwi possibbli, tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tad-Direttiva, tqajjem il-kwistjoni mal-Istati Membri, u tippreżenta rapporti annwali dwar l-azzjonijiet li jittieħdu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva; jenfasizza li l-aċċess għall-ġustizzja, li jista' jinkludi wkoll id-disponibbiltà ta' rimedju kollettiv, huwa essenzjali biex jintlaħqu l-oġettivi ta' politika tal-kompetizzjoni tal-UE;
11. Jilqa' r-riflessjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa għal aktar għodod biex jissaħħu l-isforzi favur kompetizzjoni ġusta; jistenna b'interess il-proposta tal-Kummissjoni dwar in-NEK+, u jappella għall-involvement sħiħ tal-Parlament skont il-proċedura leġislattiva ordinarja; iqis li l-eżistenza ta' għodod effettivi biex jiġi indirizzat it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni hija kruċjali għall-funzjonament tas-suq uniku, u li huwa importanti ferm li jkun żgurat li l-konsumaturi u n-negozji jkunu jistgħu jistrieħu fuq l-applikazzjoni konsistenti tar-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni fl-Unjoni kollha; jissottolinja li l-dritt tal-UE għandu jiġi infurzat bl-istess mod fl-Istati Membri kollha; iqis li huma meħtieġa standards minimi mal-Ewropa kollha b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-programmi ta' klemenza, is-sanzjonijiet u l-indipendenza tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni; jirreferi għall-possibbiltà li jinħolqu għodod investigattivi għall-Kummissjoni, li permezz tagħhom, b'mod indipendenti mill-informazzjoni tal-Istati Membri, hi tkun tista' tinvestiga s-suspetti ta' għajjnuna illegali mill-Istat;
12. Jenfasizza li l-koordinazzjoni fiskali hija waħda mill-elementi kruċjali tal-kompetittività

fis-Suq Uniku, u jtenni li l-parteċipanti kollha tas-suq jenħtieġ li jħallsu s-sehem għust tagħhom tat-taxxa; jilqa' l-investigazzjonijiet dettaljati tal-Kummissjoni fil-prattiki antikompetittivi, bħal vantaġġi selettivi tat-taxxa jew sistemi deċiżjonali ta' qligħ eċċessiv f'ċerti Stati Membri, li potenzjalment huma illegali skont ir-regoli tal-UE dwar l-għajjnuna mill-Istat, u, f'dan il-kuntest, jilqa' d-deċiżjonijiet reċenti mill-Kummissjoni dwar l-għajjnuna mill-istat; jirrimarka, madankollu, li dawn id-deċiżjonijiet ma kinux kontra l-kumpaniji bħala tali, imma kontra l-kundizzjonijiet offruti mill-Istati Membri, li allegatament ma jikkonformawx mar-regoli tal-UE dwar l-għajjnuna mill-Istat; jistieden lill-Kummissjoni biex tiegħu kont ta' dan u biex tindirizza każijiet simili fl-istess direzzjoni;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-regoli l-ġodda tal-UE dwar l-akkwist pubbliku jiġu implimentati f'waqthom, b'referenza partikolari għat-tnedija tal-akkwist elettroniku u d-dispożizzjonijiet il-ġodda li jinkoraġġixxu t-tqassim ta' kuntratti flottijiet, għaliex dan huwa essenzjali sabiex jitrawmu l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni u jingħata appoġġ lill-SMEs fis-swieq tal-akkwist;
14. Jistieden lill-Kummissjoni tevita li jinħolqu monopolji jew ktajjen tal-valur magħluqa permezz tal-istandardizzazzjoni; jemmen li għandu jiġi introdott proċess ta' appell biex jirrieżamina l-istandards meta hemm possibbiltà li dawn iġorru riskju ta' impatt fuq il-kompetittività.
15. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-livell ta' konċentrazzjoni f'xi setturi, bħas-settur tal-kimika, fid-dawl ta' dawn l-aħħar fużjonijiet; jitlob lill-Kummissjoni tispjega kif hi tippermetti l-possibbiltà ta' dħul fis-suq, partikolarment minn impriżi ġodda; jitlob lill-Kummissjoni teżamina jekk is-saħħa ta' impriża fis-suq li hi riżultat ta' informazzjoni u data, u l-mod li bih tiġi trattata tali informazzjoni u data, kif ukoll l-għadd ta' utenti, għandhomx ikunu kkunsidrati fil-kriterji tat-test għall-kontroll tal-fużjoni; jitlob li jiġi meqjus jekk l-amalgamazzjoni ta' data u informazzjoni, partikolarment fuq konsumaturi, tistax twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni;
16. Iqis il-kompetizzjoni fis-settur tat-telekomunikazzjoni bħala kruċjali biex tingħata spinta lill-innovazzjoni u l-investment fin-netwerks, kif ukoll għall-għażla tas-servizzi għall-konsumaturi; iqis l-espansjoni rapida tal-broadband bħala element ewlieni biex ikun kompletat is-suq uniku diġitali; jilqa', f'dan il-kuntest, il-fatt li l-Kummissjoni se tikkunsidra l-oġettivi ta' konnettività strateġiċi, kif stabbiliti fil-Pakkett tat-Telekomunikazzjoni, meta jiġu applikati l-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna mill-Istat għall-Broadband.
17. Jirreferi għall-aktar rapport riċenti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar in-nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat fil-politika ta' koeżjoni, li juri livell sinifikanti ta' nuqqas ta' konformità u jitlob biex jiġu implimentati għadd ta' rakkomandazzjonijiet; jesprimi tħassib dwar dawn ir-riżultati, minħabba li huma ta' ħsara għal suq intern li jiffunzjona sew, u għalhekk, jitlob lill-Kummissjoni tqis ir-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Qorti u żżid l-isforzi tagħha biex tevita aktar żbalji;
18. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex, f'dan il-kuntest, tiżgura l-infurzar tajjeb tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER) Nru 651/2014, li daħal fis-seħħ f'Lulju 2014; jilqa' r-reviżjoni attwali tal-GBER; ifakkar li hemm inċertezza legali dwar il-kwistjoni ta' jekk l-allokazzjoni tal-finanzjament pubbliku għal organizzazzjonijiet tat-turiżmu fil-forma attwali tagħha hijiex konformi mar-regoli tal-UE dwar l-għajjnuna mill-Istat; jistieden lill-

Kummissjoni biex tipprovdi gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-Istati Membri biex jappoġġjaw it-turiżmu bħala fattur ekonomiku importanti fis-suq intern; jenfasizza l-ħtieġa, għalhekk, li ssir eċċezzjoni għdida fl-ambitu tal-GBER;

19. Jappoġġja l-azzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-infurzar kontra l-kartelli, bħal dak li seħħ reċentement fis-setturi tal-ikel bl-imnut u tad-diska riġida ottika, bil-ħsieb li jkunu garantiti prezzijiet ġusti għall-konsumaturi;
20. Jirrimarka li l-konsumaturi fis-suq uniku qed jinbigħulhom prodotti li fihom ingredjenti li jvarjaw bejn konsenja u oħra minkejja li l-isem tal-prodott u l-ippakkjar ikunu l-istess; jistieden lill-Kummissjoni tiddetermina jekk din il-prattika għandhiex riperkussjonijiet negattivi għall-produtturi lokali, speċjalment l-SMEs, u jekk dan jirriżultax f'diskriminazzjoni fost il-konsumaturi bit-tqegħid ta' prodotti ta' kwalità inferjuri;
21. Jinnota li, fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar ir-rapport annwali dwar il-politika tal-kompetizzjoni għall-2014, il-Parlament talab lill-Kummissjoni biex tissorvelja mill-qrib l-alleanzi bejn id-distributuri ewlenin fl-Ewropa, u jilqa' r-rieda tal-Kummissjoni li tiddiskuti l-impatt ta' tali alleanzi fuq il-produtturi u l-konsumaturi fi ħdan in-Netzwerk Ewropew għall-Kompetizzjoni;
22. Jilqa' l-passi meħuda sa issa mill-Kummissjoni u l-Parlament sabiex jiġġieldu Prattiki kummerċjali inġusti fil-katina tal-provvista tal-ikel; jilqa' l-analiżi tal-Kummissjoni li għadha għaddejja bil-ħsieb li jiġi determinat jekk il-marki tad-distributuri jistgħux joħolqu vantaġġi antikompetittivi fis-suq, u jistieden lill-Kummissjoni biex tinforma lill-Parlament dwar ir-riżultati ta' din l-inkjesta; iqis li t-triq 'il quddiem hija l-possibbiltà ta' qafas fil-livell tal-UE li jistabbilixxi prinċipji ġenerali u li jikkunsidra l-aħjar Prattiki u skemi volontarji, bħall-Inizjattiva tal-katina tal-provvista;
23. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fil-politiki tagħha dwar il-kompetizzjoni, tippermetti ċerti forom ta' koperazzjoni bejn il-fornituri indipendenti tal-ikel bil-ħsieb li tiġi evitata u miġġielda kwalunkwe Prattika kummerċjali inġusta min-naħa tas-supermarkets.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI  
OPINJONI**

<b>Date adopted</b>	29.11.2016
<b>Result of final vote</b>	+: 29 -: 2 0: 3
<b>Members present for the final vote</b>	Dita Charanzová, Carlos Coelho, Anna Maria Corazza Bildt, Daniel Dalton, Dennis de Jong, Pascal Durand, Vicky Ford, Ildikó Gáll-Pelcz, Evelyne Gebhardt, Maria Grapini, Sergio Gutiérrez Prieto, Robert Jarosław Iwaszkiewicz, Liisa Jaakonsaari, Morten Løkkegaard, Marlene Mizzi, Jiří Pospíšil, Virginie Rozière, Christel Schaldemose, Olga Sehnalová, Igor Šoltes, Ivan Štefanec, Mylène Troszczynski, Mihai Țurcanu, Marco Zullo
<b>Substitutes present for the final vote</b>	Lucy Anderson, Anna Hedh, Kaja Kallas, Roberta Metsola, Dariusz Rosati, Adam Szejnfeld, Marc Tarabella, Theodoros Zagorakis
<b>Substitutes under Rule 200(2) present for the final vote</b>	Bill Etheridge, Andrey Kovatchev